



## **Il-Kunsill jaqbel dwar il-pożizzjoni tiegħu dwar il-programm spazjali tal-UE futur**

L-UE qed tistabbilixxi l-programm tal-politika spazjali futur tagħha għas-snin 2021-2027. L-ambaxxaturi għall-UE li ltaqgħu fil-Coreper fid-19 ta' Diċembru qablu fuq il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' regolament dwar programm spazjali tal-UE. Din il-pożizzjoni tisser li jistgħu jibdeu in-negożjati mal-Parlament Ewropew.

It-test maqbul ma jkoprix kwistjonijiet finanzjarji u orizzontali li qed jiġu diskussi bħala parti min-negożjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss għall-perjodu mill-2021 sal-2027.



L-ispazju għandu rwol fil-ħajja ta' kuljum tagħna li qed isir dejjem aktar importanti. Invenzjonijiet u servizzi relatati mal-ispazju diġà qed ibiddlu l-mod kif ngħixu u naħdmu. L-Unjoni Ewropea hija determinata li tibqa' minn ta' quddiem nett u żżomm il-post li jixirqilha fl-ekonomija spazjali dinjija. *Norbert Hofer, Ministru Federali għat-Trasport, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija tal-Awstrija*

Ir-regolament il-ġdid ser jiżgura:

- data u servizzi relatati mal-ispazju ta' kwalità għolja, aġġornati u sikuri;
- benefiċċji soċjoekonomiċi akbar mill-użu ta' tali data u servizzi, bħal aktar tkabbir u ħolqien ta' impjiegi fl-UE;
- aktar sigurtà u awtonomija strateġika tal-UE;
- rwol aktar b'saħħtu għall-UE bħala attur ewleni fis-settur tal-ispazju.

Ser jagħmel dan billi:

- jissimplifika u jirrazzjonalizza l-qafas legali eżistenti tal-UE dwar il-politika spazjali;
- jipprovdi lil-UE b'baġit adegwat għas-settur tal-ispazju sabiex tkompli u ttejjeb il-programmi ewlenin eżistenti dwar l-ispazju, bħal EGNOS, Galileo u Copernicus, kif ukoll timmonitorja l-perikli spazjali permezz tal-programm "għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju" (SSA), u jipprovdi aċċess għal komunikazzjonijiet sikuri bis-satellita għall-awtoritajiet nazzjonali (GOVSATCOM);
- jistabbilixxi r-regoli għall-governanza tal-programm spazjali tal-UE;
- jistandardizza l-qafas tas-sigurtà tal-programm spazjali.

### **Il-passi li jmiss**

Dan il-qbil iwti t-triq biex il-Presidenza tibda negożjati mal-Parlament Ewropew bil-għan li r-regolament jiġi adottat malajr. Il-Parlament Ewropew adotta l-mandat ta' negożjar tiegħu fit-13 ta' Diċembru 2018.

### **Sfond**

F'Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament għal programm spazjali għall-Unjoni Ewropea. Ir-regolament propost huwa parti mis-segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Spazjali għall-Ewropa (SSE).

Il-proposta tal-Kummissjoni tissuġġerixxi baġit globali għall-programm ta' €16-il biljun fi prezzijiet attwali għall-perjodu 2021-2027 bit-tqassim indikattiv li ġej: €9.7 biljun għal Galileo u EGNOS, €5.8 biljun għal Copernicus u €0.5 biljun għal SSA u GOVSATCOM.

- [Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija spazjali għall-Ewropa.](#)
- [Aqra t-test sħiħ maqbul hawn](#)

**Press office - General Secretariat of the Council of the EU**

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

[press@consilium.europa.eu](mailto:press@consilium.europa.eu) - [www.consilium.europa.eu/press](http://www.consilium.europa.eu/press)